



Dokument ta' sessjoni

B9-0200/2022

5.4.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022: inklużi l-aħħar żviluppi tal-gwerra kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u l-implimentazzjoni tagħhom (2022/2560(RSP))

Michael Gahler, Rasa Juknevičienė, Željana Zovko, David McAllister, Paulo Rangel, Siegfried Mureşan, Sandra Kalniete, Jerzy Buzek, Andrius Kubilius, Radosław Sikorski, Vangelis Meimarakis, Traian Băsescu, Andrzej Halicki, Daniel Caspary, Isabel Wiseler-Lima, Antonio López-Istúriz White, Peter van Dalen, Vladimír Bilčík, Gheorghe-Vlad Nistor, Andrey Kovatchev, David Lega, Alexander Alexandrov Yordanov, Miriam Lexmann, Anna-Michelle Asimakopoulou, Eugen Tomac, Tomasz Frankowski, Liudas Mažylis, Ewa Kopacz, Janina Ochojska, Michaela Šojdrová, Aušra Maldeikienė, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Milan Zver, Stelios Kympouropoulos, Inese Vaidere, Ioan-Rareş Bogdan, Vasile Blaga, Daniel Buda, Cristian-Silviu Buşoi, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Marian-Jean Marinescu, Dan-Ştefan Motreanu, Sunčana Glavak, Arba Kokalari
f'isem il-Grupp PPE

B9-0200/2022

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022: inklużi l-aħħar żviluppi tal-gwerra kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u l-implimentazzjoni tagħhom (2022/2560(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja u l-Ukrajna, u b'mod partikolari dik tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-fruntiera Ukrena u fit-territorji okkupati mir-Russja tal-Ukrajna¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet dwar l-Ukrajna mill-mexxejja tal-Parlament Ewropew tas-16 u l-24 ta' Frar 2022,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE tal-24 ta' Frar 2022 dwar l-invażjoni tal-Ukrajna mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew u tal-President tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2022 dwar l-aggressjoni militari bla preċedent u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet reċenti tal-President tal-Ukrajna u tal-President tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-G7 tal-24 ta' Frar 2022,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-11 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-summit tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew u tal-President tal-Kummissjoni dwar l-atroċitajiet skoperti primarjament fis-subborgi tal-Majjistral ta' Kiev, b'mod partikolari Bucha u Irpin,
- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Budapest tal-1994 dwar Garanziji ta' Sigurtà,
- wara li kkunsidra l-Prinċipji ta' Nuremberg imfassla mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi delitt tal-gwerra,
- wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tas-17 ta' Lulju 1998,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Frar 2022,

¹ Testi adottati, P9_TA(2021)0515.

- wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-Att Finali ta' Helsingi tal-1 ta' Awwissu 1975 u d-dokumenti sussegwenti,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, f'konformità mal-Karta tan-NU u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-Istati kollha jgawdu minn sovranià ugwali u għandhom iżommu lura fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom milli jirrikorru għat-theddid jew għall-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat;
 - B. billi fil-21 ta' Frar 2022, il-Federazzjoni Russa rrikonoxxiet unilateralmnt l-indipendenza tat-territorji kkontrollati mill-forzi separatisti appoġġjati mir-Russja f'partijiet mir-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk tal-Ukrajna, fatt li effettivament xekkel il-Ftehimiet ta' Minsk;
 - C. billi l-Federazzjoni Russa bdiet invażjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022;
 - D. billi l-aggressjoni militari kontra l-Ukrajna nbdiet ukoll mit-territorju tal-Krimea okkupat illegalment u mit-territorji separatisti f'Lugansk u Donetsk, kif ukoll mill-bażijiet tal-ajru u tal-art fil-Belarussja, biex jitwettqu l-offensivi tal-art, l-attakki bil-missili u l-kampanja mill-ajru kontra l-Ukrajna;
 - E. billi l-Ukrajna s'issa wriet livelli bla preċedent ta' reżistenza u reżiljenza u ċaħdet lir-Russja mill-kapaċità li tissodisfa l-oġġettiv inizjali tagħha għall-gwerra li tokkupa l-pajjiż kollu;
 - F. billi l-UE stabbiliet mekkaniżmu effettiv biex twassal armi mill-Istati Membri tagħha lill-Ukrajna;
 - G. billi l-UE adottat erba' pakketti ta' sanzjonijiet kontra l-Federazzjoni Russa b'reazzjoni għall-aggressjoni u l-invażjoni tagħha; billi dawn is-sanzjonijiet jinkludu sanzjonijiet individwali, miżuri finanzjarji, sanzjonijiet ekonomiċi, restrizzjonijiet fuq il-media, miżuri diplomatiċi u restrizzjonijiet fuq ir-relazzjonijiet maż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts ta' Donetsk u Luhansk; billi l-lakuni eżistenti fis-sanzjonijiet ekonomiċi qed idgħajfu l-effikaċja tas-sanzjonijiet u jgħinu lir-Russja tiffinanzja l-invażjoni tagħha tal-Ukrajna; billi l-kuntratti konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tas-sanzjonijiet xorta jistgħu jiġu rispettati;
 - H. billi fl-2020 biss, l-Istati Membri tal-UE baġtu aktar minn EUR 64 biljun f'pagamenti għall-fjuwils fossili lir-Russja; billi llum, l-UE qed tħallas aktar minn EUR 600 miljun kuljum lir-Russja għall-forniment ta' fjuwils fossili, li kull sena jammonta għal EUR 220 biljun, jew l-ekwivalenti ta' tliet darbiet il-baġit annwali għad-difiża tar-Russja;
 - I. billi l-projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja jkollha impatt fuq it-tkabbir ekonomiku tal-UE, li jikkorrispondi għal telf smat ta' inqas minn 3 % tal-PDG, filwaqt li t-telf potenzjali għall-ekonomija Russa matul l-istess perjodu jammonta għal 30 % tal-PDG u jkun strumentali biex titwaqqaf l-aggressjoni Russa;

- J. billi fl-10 ta' Marzu 2022, il-Kunsill Ewropew innota li l-Ukrajna kienet ippreżentat l-applikazzjoni tagħha biex issir membru tal-Unjoni Ewropea, ikkonkluda li l-Kunsill kien aġixxa bil-ħeffa u stieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-opinjoni tagħha dwar din l-applikazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati; billi l-Kunsill Ewropew ikkonkluda li, sakemm isir dan u mingħajr dewmien, l-UE tkompli ssaħħaħ ir-rabta u s-sħubija tagħha biex tappoġġja lill-Ukrajna biex issegwi t-triq Ewropea tagħha u enfażizza li l-Ukrajna tappartjeni għall-familja Ewropea tagħna;
- K. billi dejjem qed jiżdiedu r-rapporti ta' atroċitajiet Russi mwettqa kontra l-popolazzjoni ċivili, inklużi eżekuzzjonijiet, stupru, sekwestri u ħtif ta' persuni; billi fil-bliet liberati ta' Bucha u Irpin fil-periferija ta' Kiev, ġew skoperti oqbra tal-massa, inklużi iġsma ta' persuni ċivili maqtula mill-qrib b'idejhom marbuta wara daharhom;
- L. billi l-Kap Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fetaħ investigazzjoni tal-Qorti dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna bbażata fuq allegazzjonijiet ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità;
- M. billi aktar minn 4 miljun ruħ telqu mill-Ukrajna mill-bidu tal-gwerra, u fittxew rifuġju prinċipalment fil-Polonja, fir-Rumanija, fl-Ungerija, fis-Slovakkja u fir-Repubblika tal-Moldova; billi hemm kważi 6,5 miljun ruħ li sfaw spustati internament fl-Ukrajna;
- N. billi kważi 500 kumpanija u korporazzjoni internazzjonali għażlu li jissospendu l-operazzjonijiet tagħhom fir-Russja jew jirtiraw kompletament mis-suq Russu; billi xi wħud minn dawk li inizjalment iddeċidew li jibqgħu ħabbtu wiċċhom ma' bojkotts tal-konsumaturi, li mbagħad ġegħluhom iregġġgħu lura d-deċizzjonijiet tagħhom;
1. Itenni bl-aktar mod qawwi possibbli l-kundanna tiegħu tal-aggressjoni militari illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-invażjoni tagħha, kif ukoll l-involviment tal-Belarusja f'din l-aggressjoni;
 2. Jitlob b'insistenza li l-Federazzjoni Russa ttemm minnufih l-attivitajiet militari kollha fl-Ukrajna, tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi militari u paramilitari kollha u t-tagħmir militari kollu mit-territorju kollu tal-Ukrajna rikonoxxut internazzjonalment, u tirrispetta bis-sħiħ l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment;
 3. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-massakru ta' ċivili mwettqa mill-forzi Russi f'Bucha, Irpin u fi bliet oħra; jitlob b'insistenza li dawk responsabbli jiffaċċjaw il-ġustizzja; jitlob li ssir investigazzjoni internazzjonali indipendenti;
 4. Jissottolinja li l-aggressjoni u l-invażjoni militari jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari tal-Karta tan-NU, u jistieden lill-Federazzjoni Russa terġa' tibda tissodisfa r-responsabbiltajiet ta' membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà u tirrispetta l-impenji tagħha skont l-Att Finali ta' Helsinki, il-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida u l-Memorandum ta' Budapest; iqis l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja bħala attakk mhux biss kontra pajjiż sovran iżda anke kontra l-prinċipji u l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u sigurtà fl-Ewropa u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, kif definit mill-Karta tan-NU;
 5. Itenni li l-kunsinni ta' armi jridu jkomplu u jiżdiedu biex l-Ukrajna tkun tista' tiddefendi

ruħha b'mod effettiv; jilqa' l-użu effettiv tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi f'dan ir-rigward; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-baġit tal-faċilità;

6. Jitlob li jiġu stabbiliti kurituri umanitarji sikuri biex jiġu evakwati ċ-ċivili li jaħarbu l-bumbardamenti u li tingħata spinta lin-networks tal-għajnuna umanitarja tal-UE fl-Ukrajna (inklużi l-fjuwil, l-ikel, il-mediċini, il-provvista tal-ilma tax-xorb, il-ġeneraturi tal-enerġija u l-kampusijiet mobbli); jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tintroduċi skemi ta' għajnuna bejn il-pari għall-Ukrajna sabiex tiżdied l-effikaċja tal-assistenza;
7. Jappella għall-ftuħ ta' kurituri tal-art ekoloġiċi biex tiddaħħal fl-Ukrajna kwalunkwe ħaġa meħtieġa biex tiżdied il-produzzjoni agrikola (eż. pestiċidi u fertilizzanti) u biex jinħarġu mill-Ukrajna l-prodotti agrikoli kollha li għadhom jistgħu jiġu esportati;
8. Jitlob embargo immedjat fuq iż-żejt, il-faħam u l-fjuwil nukleari Russi; itenni t-talba tiegħu għal embargo fuq il-gass malajr kemm jista' jkun; jistieden lill-UE taħdem minnufih biex telimina d-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili Russi; itenni li l-UE m'għandhiex tkun kompliċi fil-finanzjament tal-gwerra Russa; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi meħtieġa biex ittaffi kwalunkwe ħsara potenzjali għall-ekonomija Ewropea li tirriżulta mill-embargo;
9. Ifakkar li l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji Russi involuti fil-kummerċ taż-żejt, tal-faħam u tal-gass għandhom jiġu esklużi mis-sistema SWIFT ladarba jiġi implimentat embargo;
10. Jitlob b'insistenza li s-sanzjonijiet fuq il-Belarussja jirriflettu dawk introdotti kontra r-Russja sabiex tingħalaq kwalunkwe lakuna li tippermetti lil Putin juża l-għajnuna ta' Lukashenka biex jevita s-sanzjonijiet;
11. Jitlob b'insistenza l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet sekondarji fuq l-entitajiet kollha fl-UE u f'pajjiżi terzi li jgħinu lir-reġim Russu u r-reġim Belarussu jevitaw is-sanzjonijiet;
12. Jitlob li l-projbizzjoni fuq it-trasport tal-merkanzija bit-triq minn u lejn it-territorji tar-Russja u tal-Belarussja u projbizzjoni fuq bastimenti Russi milli jidħlu fil-portijiet tal-UE jiġu inklużi fil-pakkett il-ġdid ta' sanzjonijiet; jissuġġerixxi li l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tiġi estiża għall-konsenji li ġew ikkuntrattati qabel id-dħul fis-seħħ tas-sanzjonijiet, iżda li għadhom ma tlestewx għalkollox;
13. Itenni l-opinjoni tiegħu li s-sanzjonijiet għandhom jitneħħew biss meta l-aħħar suldat tal-forzi okkupanti Russi u appoġġjati mir-Russja jkun telaq mit-territorju Ukren u ladarba jkun ġie konkluż ftehim mal-Gvern konstituzzjonali tal-Ukrajna;
14. Jissottolinja li r-reazzjoni tal-UE u l-impenn politiku tagħha jridu jilqgħu l-isfida ostili u jaqblu mal-isforz tas-sħab Ukreni tal-istess fehma tagħna, li qed jiġġieldu u jissagrifikaw ruħhom għall-valuri u l-prinċipji Ewropej, li jmorru lil hinn mis-sħubija preżenti tal-UE;
15. Jilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-Kunsill Ewropew, li tiddikjara li l-Ukrajna hija membru tal-familja Ewropea tagħna; itenni li wara s-sottomissjoni uffiċjali tal-Ukrajna tal-applikazzjoni tagħha għas-Sħubija fl-UE, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jaħdmu biex jagħtu lill-Ukrajna l-istatus ta' kandidat immedjatament, bħala sinjal politiku ċar tal-impenn tagħna u sabiex jiġi evitat ukoll li l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-Ukrajna u taċ-

ċittadini tagħha jisfaw vittmi tat-talbiet ostili Russi li attwalment jikkonfrontawhom; itenni, barra minn hekk, li l-istituzzjonijiet għandhom jaħdmu favur l-integrazzjoni aċċelerata tal-Ukrajna fis-suq uniku, skont il-formula "kollox ħliet istituzzjonijiet" u fuq il-linji tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

16. Jitlob li tinbeda ħidma fuq fond simili għall-Pjaneta Marshall biex wara l-gwerra l-Ukrajna terġa' tinbena, jitnieda programm ta' investiment massiv u jiġi sfruttat il-potenzjal ta' tkabbir tagħha; iqis li l-fond għandu jkun ġeneruż u ffinanzjat *inter alia* mill-UE, l-Istati Membri tagħha, kontribuzzjonijiet tad-donaturi u kumpens mir-Russja għad-danni tal-gwerra, inklużi dawk l-assi Russi kkonfiskati b'riżultat ta' sanzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali;
17. Itenni t-talbiet preċedenti tiegħu biex id-dipendenza enerġetika fuq il-fjuwils fossili Russi tiġi eliminata, billi jiġu diversifikati s-sorsi tal-enerġija, inkluż l-espansjoni tat-terminals tal-gass naturali likwifikat u r-rotot tal-provvista, is-separazzjoni tal-ħżin tal-gass, u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u fir-rapidità tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa; jitlob li tinbeda ħidma fuq il-ħolqien ta' unjoni tal-gass, ibbażata fuq xiri komuni ta' gass mill-Istati Membri;
18. Jesprimi l-għadab tiegħu dwar id-delitti tal-gwerra mwettqa mill-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna u l-bumbardamenti indiskriminati tal-infrastruttura ċivili, inklużi sptarijiet, ambulanzi, skejjel, kindergartens u xelters, u għat-telf ta' ħajjiet u t-tbatija umana kkawżata mill-aggressjoni Russa;
19. Jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa f'istituzzjonijiet u proċedimenti internazzjonali u fil-Qorti Kriminali Internazzjonali jew tribunali jew qrati internazzjonali xierqa oħra biex jikkwalifikaw legalment l-azzjonijiet ta' Putin u Lukashenka bħala delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, u jipparteċipaw b'mod attiv fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tagħhom;
20. Jitlob li jitwaqqaf tribunal speċjali tan-NU għad-delitti fl-Ukrajna; iqis li jkun pertinenti li jittieħed vantaġġ mill-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparjali u Indipendenti biex tingħata assistenza fi kwalunkwe investigazzjoni internazzjonali dwar delitti tal-gwerra mwettqa fl-Ukrajna;
21. Jappoġġja l-appell tal-awtoritajiet Ukreni lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex minnufih jieħu miżuri għad-demilitarizzazzjoni taż-Żona ta' Esklużjoni tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chornobyl u jippermetti lill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika tiegħu minnufih il-kontroll sħiħ tas-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari biex telimina r-riskju ta' ripetizzjoni tad-diżastru nukleari ta' Chornobyl;
22. Jistieden lill-Istati Membri jkeċċu lill-ambaxxaturi Russi minn pajjiżhom u jimminimizzaw il-preżenza diplomatika Russa kemm jista' jkun;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa.

